# Djalogu dwar knisja aktar miftuha

Ghazilt li naqsam maghkom dawn il-ftit hsibijiet mifruxin fuq hames punti, jew ahjar bi twegibiet ghal hames mistoqsijiet importanti :-

(i) Kif qed jidher l-Arcisqof fuq il-mezzi tax-xandir
(ii) Kif qed tidher il-Knisja fuq dawn il-mezzi
(iii) Kif, fl-opinjoni tieghi, l-ahjar li jidhru dawn it-tnejn, fid-dinja tal-lum, li hija dinja pluralista u sekulari
(iv) F'din il-klima, kif l-Knisja l-ahjar li tuza l-mezzi tax-xandir biex tikkomunika l-messagg taghha. Ghandha tippontifika u tghid li dan hu l-messagg taghha, jew ghandha tidher newtrali, biex tohloq djalogu?
(v) U..billi jien gej mill-media, u ghalhekk steduni hawn, fl-ahharnett, kelma tal-ahhar dwar kemm insibu access ahna l-gurnalisti ghall-informazzjoni min-naha tal-Knisja.

*Nibda mill-ewwel punt* : *kif qed jidher l-Arcisqof fuq il-mezzi tax-xandir*.

Mela f'dan il-kaz ninsab daqsxejn mifxul. Ghax ghandi zewg opinjonijiet. Ghax filwaqt li l-Arcisqof, meta inhatar, beda mill-ewwel bl-impressjoni li se jzomm kuntatt kontinwu, il-hin kollu accessibbli, ghall-media, u allura ghall-pubbliku in generali, jidhirli li dan illum naqas xi ftit.

Mela, ghall-bidu l-Arcisqof Cremona nizel tajjeb hafna mal-pubbliku grazzi ghall-media....mill-ewwel deher li se jkun bniedem vicin hafna tan-nies. Zgur li aktar mill-predecessur tieghu. Dan gara l-aktar minhabba l-fatt li fil-media dejjem jidher bhala persuna li jieqaf ikellem lil kullhadd u li ghandu hin ghal kull min jixtieq ikellmu. Nahseb ukoll, ghax jinghata hafna spazju mill-media. U qed nghid li dan kien jidher aktar b'sahhtu fil-bidu ghax kien l-aktar rizultat tal-fatt li l-hatra tieghu qanqlet nteress kbir fit-tmexxija l-gdida tal-Knisja Kattolika f'pajjizna - dehru hafna intervisti u servizzi specjali dwar l-Arcisqof. Madanakollu ma nistax nghid li llum ghadu jidher bhala available kif kien fil-bidu, ghall-mezzi tax-xandir.

Dak kien l-ewwel punt...dwar kemm l-Arcisqof jidher fil-media, kemm jidher disponibbli, u l-kuntatt mal-media u man-nies.

Issa t-tieni punt....dwar kif jidher l-Arcisqof fil-media. llum hawn proliferazzjoni ta' mezzi tax-xandir. It-television hu dominanti. Il-websites qed jiehdu dejjem aktar rilevanza. Fuq it-television, kull middle-aged man ma jidhirx tajjeb. Dan ma jghoddx ghall-Arcisqof jew l-Isqfijiet biss imma ghal kull ragel bejn 40 u 65. Jekk tqabbel mal-politici barra l-kampanji elettorali, l-istess.

L-Arcisqof jista' jipprova jiehu xi tip ta' training ghat-television imma hemm limitu ghal kemm jista' jinbidel l-image tieghu fuq il-media. Dan lanqas ingravata ma jista' jbiddel! Probabbilment, fir-radio jinstema' ahjar milli jidher fuq it-television.

U punt iehor...il-Knisja m'ghandhiex gazzetta tal-Hadd meta hu maghruf li l-gazzetti tal-Hadd qed jinbidlu f'agenda-setters li jinfluwenzaw ukoll lill-mezzi tax-xandir. Jekk ma jiehu ghalih hadd, u dan hu kumment maghmul fi spirtu mill-aktar genwin, nahseb ukoll li l-Arcisqof Cremona aktarx qed jidher li baqa' predikatur jew ghalliem aktar milli mexxej.

*Kif qed tidher il-Knisja fuq dawn il-mezzi.*

Il-Knisja tidher bhala l-istituzzjoni li hi imma bi ftit li xejn aggornament.

Il-Knisja mhix partit politiku llum jemmen mod u ghada jibdel il-pozizzjoni tieghu. Il-mezzi tal-media jhobbu l-kontroversja u fejn jinqalghu kontroversji l-Knisja hafna drabi qed issib ruhha fuq in-naha l-hazina tal-agenda ta' gurnalisti li donnhom aktar campaigners milli gurnalisti.

Min-naha l-ohra hawnhekk il-Knisja pero' ghandha rikkezza kbira ta' nies li jistghu jidhru ghaliha fuq il-media: zghazagh, nisa, koppji, anzjani, sacerdoti tajbin ghall-media, bloggers – li jisghu jipprezentaw dehra ta' Knisja li hi verament 'Ecclesia' – komunita' – u mhux biss gerarkija.

Sfortunatament, il-Knisja qisha ghandha tezor li flok turi l-aktar bicciet tieghu li jiddu, turi dawk li jiddu ferm anqas qisha trid tahbi t-tezor taghha. It-tezor tal-Knisja hu l-firxa wiesgha ta' kull tip ta' nies li ghandha fil-komunita'.

Anke hawnhekk, pero' ghandi dilemma.  Forsi xi ftit ta' utopja wkoll. Ghax filwaqt li l-Arcisqof, meta jidher, jidher tajjeb fil-media, il-Knisja tidher differenti mill-Arcisqof. Filwaqt li l-Arcisqof jidher tajjeb fil-media, il-Knisja ma tidhirx l-istess. Ragunijiet jistghu ikunu dawn:-

1) ghax il-membri tal-Kleru u nies ohra li nqishom bhala rikkezza jekk jidhru f'isem il-knisja jekk jidhru ghaliha fil-media, u li semmejt li ghandhom jinghataw aktar spazju ftit ilu, jidhru li jibzghu mill-media
2) ghax il-Knisja bhala istituzzjoni tidher maghluqa ghall-media
3) hafna drabi il-media issib punti fejn tikkritika lill-Knisja jew lill-kleru
4) ftit li xejn hemm rabta bejn il-Knisja u l-mezzi tax-xandir

*Kif l-ahjar li jidhru, allura, dawn, fid-dinja tal-lum pluralista u sekulari.*

L-ahjar li l-Knisja tidher dak li ghandha tkun – kommunita' awtentika.

Fl-ahhar mill-ahhar, l-ebda sacerdot jew bniedem fil-komunita' Nisranija ma jista' jbiddel dak li l-Knisja universali tghallem li hu tajjeb. Imma kull min hu Nisrani jista' jkun parti minn komunita' awtentika li ma tibzax tghid dak li tifhem li hu tajjeb imma thobb tassew lil kull min ma jaqbilx maghha u taghmel 'engagement' mieghu – tidhol fi djalogu san u serju li juri lill-bqija tal-komunita' kemm hi valida u genwina l-fehma tal-Knisja. Fuq kollox il-Knisja ghandha tkun proattiva – ma tiddejjaqx tghid car (bla ma ddur mal-lewza) il-pozizzjoni taghha x'inhi bla bizgha li tiggieled ma' xi hadd. (qed nirreferi per ezempju ghall-kaz tad-djalogu li ghaddej fuq id-divorzju u fuq l-abort)

Il-Knisja lanqas m'ghandha thalli lil min juza l-argument li ahna socjeta' pluralista u sekulari biex jaghlqilha halqha – anzi ghandu jkollha kelliema sekulari li jaghmlu argumenti li jiddefendu dak li hu tajjeb f'atmosfera lajka u pluralista.

L-aktar li ghandha toqghod attenta l-Knisja, madankollu, hu li f'atmosfera pluralista barra mill-Knisja l-argument ta' 'hekk hemm miktub fil-Bibbja' jew 'hekk tghallem il-Knisja' jew 'hekk qal it-tali Papa' hu argument dghajjef hafna. Il-problema hi li hafna drabi nies genwini, fi blogs per ezempju, jaghmlu dat-tip ta' argument li jghodd u jiswa fi hdan il-Knisja imma ma jikkonvincix barra minnha. Ghax iz-zminijiet jinbidlu.

Dan kollu ghandu konkluzjoni wahda : hemm bzonn li l-argumenti tal-knisja ikunu aktar qrib tal-media, ghax b'hekk biss jistghu jaslu ghand in-nies. Jekk ikun hemm rabta mill-qrib bejn iz-zewg istituzzjonijiet, allura it-tnejn jistghu jafdaw lil xulxin u mhux kif qed jigri bhalissa (il-kleru jibza' mill-gazzetti).

Se naghtikom ezempju car iehor fuq suggett kompletament differenti imma li wkoll kien fl-ahbarijiet m'ilux : jekk gurnalist ghandu xi mistoqsijiet dwar fiex wasal il-process fir-revizjoni tal-festi f'Malta, din l-informazzjoni ghandha tinghata b'mod miftuh, u mhux tinzamm mistura...ghax hekk iktar tohloq dubji. U wara kollox il-media xorta se tohrog l-informazzjoni li jkollha. Allura ahjar tohrog l-informazzjoni tajba, jekk ghandha tohrog!

Jigifieri, sa certu punt il-Knisja trid tkun *wise* bizzejjed li twassal il-messagg taghha bl-ahjar mod permezz tal-mezzi tax-xandir.

*Dan igibni ghall-mistoqsija li jmiss : f'din il-klima, kif il-Knisja l-ahjar li tuza l-mezzi tax-xandir biex tikkomunika l-messagg taghha.*
*Ghandha tippontifika u tghid li dan hu l-messagg taghha u daqshekk, jew ghandha tidher newtrali, biex tohloq djalogu?*

Hemm mijiet ta' ezempji ta' mexxejja u ghaqdiet li rnexxielhom jikkonvincu anke wara li deher li ma setghux. Li tidher newtrali biex tohloq 'djalogu' aktarx jibghat l-aghar tip ta' messagg ghax itappan what the Church stands for.

Min-naha l-ohra, iz-zmien tal-pontifikar ilu li ghadda; il-media moderna fil-fatt hi l-antitezi tal-pontifikar. Il-Knisja trid tkun prezenti aktar fejn hu car li l-messagg taghha hu mehtieg anke jekk m'hemmx kontroversja. Il-Knisja jehtieg tkun prezenti f'dawk id-dibattiti li jidhrilha li ghandha tiehu sehem fihom u ma thallix min ipingiha bhala l-Knisja pontifikanti ta' kontra dak u kontra l-iehor.   Ir-rapprezentanti tal-Knisja ghandhom ikunu l-istess membri tal-komunita' li jistghu jinghataw tahrig ghal prezentazzjoni ahjar fil-media. L-importanti, pero', mhux il-make-up u l-ingravata imma l-awtenticita' ta' min jitkellem favur dak li hu tajjeb. U l-Knisja m'ghandhiex thalli lil min jaghzlilha l-agenda hu – l-agenda fuq xiex titkellem u tagixxi l-Knisja ghandha tigi minnha u mhux minn haddiehor. "Kunu ghaqlin bhas-sriep…" Per ezempju, il-leaflet li qed jitqassam fid-djar kollha 'Flimkien' juri lill-Knisja f'dawl tajjeb hafna, mhux ghax hemm il-kelma tal-Arcisqof imma ghax juri komunita' hajja li jinteressaha kulhadd, inkluz dawk li qeghdin ibatu u li kultant jahsbu li l-Knisja hi kontriehom.

Ghalhekk dan hu argument, jew ahjar, it-twegiba ghal din il-mistoqsija, hija cara fl-opinjoni tieghi - il-Knisja m'ghandiex tkun newtrali. Anzi, dejjem trid tiehu pozizzjoni b'mod ghaqli u mahsub.  M'hemmx fejn iddur !

Ezempju iehor ta' dan li jigini f'mohhi huwa d-dikjarazzjoni tal-Arcisqof zewg Sibtijiet ilu meta kien qed jaghlaq il-konferenza li saret dwar iz-zwieg u li kienet dominata mid-divorzju.  L-Arcisqof kien irrapurtat li lmenta li wara d-diskorsi tal-mexxejja politici, kien dizappuntat ghax stenna aktar prosposti prattici johorgu. Jien, meta smajt din id-dikjarazzjoni, ir-reazzjoni tieghi kienet....ghax m'ghamilhomx hu, jew ghax m'ghamlithomx hi l-knisja, dawn il-proposti prattici ?  L-Arcisqof dakinhar messu ddikjara b'mod car it-twemmin tal-knisja x'inhu dwar id-divorzju, x'inhi l-pozizzjoni tal-knisja, u spjega kif il-knisja qed taggorna ruhha maz-zminijiet u ma' dan id-dibattitu nazzjonali.  U mhux gerger ghax il-proposti ma waslux !

*Fl-ahharnett...l-accessibilita' tal-informazzjoni min-naha tal-Knisja.*

Kif diga' semmejt huwa ferm difficli kultant li tikseb informazzjoni mill-Knisja.

Il-Knisja ghandha ufficcju li huwa inkarigat mir-relazzjonijiet mal-media u mill-PR imma sfortunatament ftit li xejn jidher li hu effettiv. Ghalhekk trid tinhadem sistema cara fejn certu informazzjoni li ma tkunx sensittiva ghall-Knisja ma tibqax tinzamm mistura.

U anke fejn informazzjoni tkun sensittiva, ghaliex le, ovvajment l-ewwel tigi evalwata sew, imma tinhareg, mhux tibqa' mizmuma.

U kelma tal-ahhar dwar materji li fihom tizzeffen il-knisja, u forsi ma jkollha l-ebda tort, f'dan il-kaz ma jghoddx il-proverbju li s-silenzju risposta.....il-knisja trid titkellem, trid tirreagixxi, trid issemma' lehinha, ma jistax ikun li ma tghid xejn.